# It-Tieni Ħsieb

Fit- tieni riflessjoni tagħna dwar San Ġużepp ser nħarsu lejn it-tieni ferħa u t-tieni dulur ta' Ġużeppi. Dawn jeħduna f'Betlehem. L-iskrittura tgħidilna li wara vjaġġ twil bejn Nazaret u Betlehem, Marija tasal biex tiled lil Ġesu'. Ġużeppi dak il-ħin kważi jippanikja għax kull fejn iħabbat, isib li d-djar kollha kienu mimlija. Barra minn hekk, żgur li l-propjetarji tad-djar li kienu qed jippjanaw ġġranet sħaħ ta' festi bejn familji li reġgħu ltaqgħu wara ħafna snin bl-iskuża taċ-ċensiment, żgur li ma riedux mara li waslet biex twelled. Npoġġu rwieħna flok Ġużeppi u nimmaġinaw kemm il-darba ħares lejn martu Marija b'dieqa kbira f'għajnejh biex jgħidilha li kien għadu ma sabx post għaliha. In-nisa jistgħu jimmaġinaw it-tbatija ta' Marija, tfajla żgħira fl-eta, b'responsabilita kbira bħal dik, bl-uġieħ tal-ħlas, tisma mingħand żewġha li lanqas għandhom post fejn jistrieħu. Ġużeppi jidher raġel kuraġġjuż u xi ftit kreattiv ukoll. Baqa jfittex post sakemm sab naqra ta' grotta fejn wieħed kien iżomm il-bhejjem tiegħu. Ġużeppi jibdel din il-grotta f'dwejra, post fejn hu u martu setgħu jistrieħu. Kien dulur kbir għal Ġużeppi meta ra lil martu tbati dik it-tbatija iżda kienet ferħa tant kbira meta ra lil Ġesu' f'idejh li nesa dak kollu li għadda u l-Mulej ippremjah tad-dulur li kien ħass. Ġużeppi jerfa f'idejh lil iben ta' Alla, jnaddfu u jieħu ħsiebu (għax probabilment martu Marija ma kelliex ħafna aħħa wara li welldet tarbija) u jlestilu l-maxtura sabiex fiha t-tarbija Ġesu' jkun jista jistrieħ. Ġużeppi huwa l-ewwel wieħed li ra b'għajnejh lis-salvazzjoni tad-dinja, lil Alla magħmul bniedem. Ġużeppi huwa l-ewwel persuna li tgħannaq magħha lil Alla.

**Bro.Deo Debono**